MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2009

Numru. 877/2003

Il-Pulizija
(Sp Jesmond Borg)
vs
Simon Camilleri, iben Emanuel, imwieled Pieta’ fit-28 ta’ Awwissu, 1966

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat:
a. talli fl-24 ta’ Ottubru, 2003, għal ħabta tal-11.00 p.m., fl-inħawi ta’ Wied il-Għajn, Ħaż-Żabbar, il-Fgura u Raħal Ġdid kien qed jagħmel użu minn vettura ta’ l-għamla Opel Corsa, ta’ lewn bajdani, bin-numru tar-reġistrazzjoni SIM 147, bil-liċenzja tal-vettura mhux rinnovata u għalhekk ma kienx kopert b’polza ta’ l-assikurazzjoni għal terżi persuni;

b. talli fl-istess data, ħin u ċirkostanżi, fl-inħawi ta' Wied il-Għajn, Ħaż-Żabbar, il-Fgura u Raħal Ġdid saq vettura ta' l-għamla Opel Corsa ta' lewn bajdani, bin-numru tar-reġistrazzjoni SIM 147, b'ġiri aktar milli jmiss u b'manjiera perikoluża, għaldaqstant, il-prosekuzzjoni titlob li jiġi skwalifikat mill-liċenżji kollha tiegħu tas-sewqan għal perjodu ta' mhux inqas minn tnax il-xahar;
c. talli fl-istess data,ħin u ċirkostanżi saq vettura ta' l-għamla Opel Corsa, ta' lewn bajdani, bin-numru tar-reġistrazzjoni SIM 147, mingħajr ma kellu l-liċenzja tas-sewqan imġedda;
d. talli fl-istess data,ħin u ċirkostanżi hedded lil Theresa Agius mill-Belt, Valletta, li jekk ma kinitx ser twaqqaf il-vettura tagħha sabiex ikun jista' jkellimha, kien ser joqtolha u li qabel il-Milied kien ser jarmiha xi mkien;
e. talli fl-istess data,ħin u ċirkostanżi kkawża ħsarat volontarji fuq il-vettura tal-għamla Peugeot 205, ta' lewn maroon, bin-numru tar-reġistrazzjoni JAL 935, li kienet misjuqa minn Theresa Agius, permezz tal-vettura li kien qed isuq, u cioe' il-vettura ta' l-għamla Opel Corsa, ta' lewn bajdani, bin-numru tar-reġistrazzjoni SIM 147, liema ħsarat jeċċedu l-Lm100 għad-dannu ta' Theresa Agius mill-Belt, Valletta;
f. talli fl-istess ċirkostanżi, quddiem u ġewwa l-għassa ta' Raħal Ġdid, volontarjament kiser il-bon ordni u il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;
g. talli fl-istess data,ħin u ċirkostanżi minn quddiem l-għassa ta' Raħal Ġdid, seraq il-vettura tal-għamla Peugeot 205, ta' lewn maroon, bin-numru tar-reġistrazzjoni JAL 935, li l-valur tagħha jeċċedi l-Lm1,000 għad-dannu ta' Theresa Agius mill-Belt, Valletta liema serq hu kkwalifkat bil-valur, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
h. talli fl-istess data, ħin u ċirkostanżi mill-vettura tal-għamla Peugeot 205, ta' lewn maroon, bin-numru tar-reġistrazzjoni JAL 935, seraq mobile phone tal-għamla Nokia 3310, li jiswa Lm30, għad-dannu ta' Theresa Agius mill-Belt, Valletta liema serq hu kkwalifikat bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
i. talli fl-istess data, ħin u ċirkostanżi mill-vettura tal-għamla Peugeot 205 ta'lewn maroon, bin-numru tar-reġistrazzjoni JAL 935, seraq żewġ mażżi ċwievet għad-

dannu ta' Theresa Agius mill-Belt, Valletta liema serq hu kkwalifikat bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
j. talli sar reċidiv b'diversi sentenżi mogħtija mill-Qrati ta' Malta li saru definittivi.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminaligħas-sigurta' ta' din il-persuna hawn fuq indikata.
Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tordna lill-imputat li jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-28 ta' Ottubru, 2005 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
a. fl-artikoli 339(e), 325(a), 338(dd), 261, 267, 270, 271, 279(b), 289, 49, 50, 31, 17(b)(ċ), 20, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 15(1)(a)(2)(3) u 18 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-A.L. 128 ta' l-1994;
c. fl-artikoli 3, 20, 22 u 23 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Mejju, 2006 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Semgħet ix-xhieda ta' Theresa Agius li ddikjarat li għandha tifel mill-imputat u li qed taħfirlu u għalhekk ma ridtx tixhed kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Settembru, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, minħabba nuqqas ta' provi ma ssibx lill-imputat ħati tar-raba', tal-ħames, tas-seba', tat-tmien u tad-disa' akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk

tilliberah mill-istess akkużi. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra. Rat l-artikoli fl-artikoli 338(dd), 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikoli 15(1)(a)(2)(3) u 18 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-A.L. 128 ta' l-1994 u l-artikoli 3, 20, 22 u 23 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' elf erba' mija u ħamsa u ħamsin euro (€1,455). Minbarra dan tissospendilu kwalunkwe liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tnax il-xahar mil-lum. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------